SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

14 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-56/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja), permezz tad-deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2006, li waslet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Frar 2006, fil-proċedura

**Euro Tex Textilverwertung GmbH,**

vs

**Hauptzollamt Duisburg,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President ta' l-Awla, R. Schintgen, A. Tizzano (Relatur), A. Borg Barthet u E. Levits, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Euro Tex Textilverwertung GmbH, minn A. Gläser, Rechtsanwalt,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J. Hottiaux u B. Schima, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2007,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 93/743/KEEA, KEFA, KE, tat-13 ta' Diċembru 1993 (ĠU L 348, p. 1, iktar 'il quddem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), u

b'mod partikolari ta' l-Artikolu 7(1)(b), tal-Protokoll Nru 4 ta' dan il-Ftehim, kif emendat permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/97 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 221, p. 1, iktar 'il quddem il-"Protokoll Nru 4").

2 Din id-domanda ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Euro Tex Textilverwertung GmbH (iktar 'il quddem "Euro Tex") u l-Hauptzollamt Duisburg (l-uffiċċju tad-dwana ta' Duisburg, iktar 'il quddem il-"Hauptzollamt") dwar l-eżattezza tal-provi ta' l-oriġini mogħtija għall-esportazzjoni tal-prodotti tessili użati lejn il-Polonja.

## Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Il-Protokoll Nru 4 jiddefinixxi l-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u għandu dispożizzjonijiet fil-qasam ta' kooperazzjoni amministrattiva.

4 L-Artikolu 2(1) tal-Protokoll Nru 4 jgħid:

"Għall-iskop ta' implementazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw mill-Komunità:

a) prodotti miksuba kollha fil-Komunità fil-kuntest ta' l-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll;

b) prodotti miksuba fil-Komunità li jinkorporaw materjali li ma ġewx miksuba kollha hemm huma, bil-kundizzjoni li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar fil-Komunità fil-kuntest ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll;

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 L-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 2, prodotti li mhumiex miksuba għal kollox fil-Komunità jitqiesu li nħadmu jew li ġew ipproċessati suffiċjentement meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-lista ta' l-Anness II jkunu twettqu.

[...]

3. Il-paragrafi 1 u 2 ... għandhom ikunu applikabbli bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Fl-aħħar nett, skond l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 4:

"1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, ix-xogħlijiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jikkonferixxu l-oriġini tal-prodotti, kemm jekk il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 huma sodisfatti jew le:

[...]

b) xogħlijiet sempliċi li jikkonsistu fi tneħħija ta' trab, tnaqqix jew tgħarbil, għażla, klassifikazzjoni, allinjament (inkluż il-ħolqien ta' gruppi ta' oġġetti), ħasil, żebgħa, qtugħ;

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 Jeħtieġ li jingħad li l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 4 ġie emendat, b'effett mill-1 ta' Jannar 2001, permezz tad-Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' assoċjazzjoni UE-Repubblika tal-Polonja, tad-29 ta' Diċembru 2000, li jemenda l-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewropew konkluż mal-Polonja dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-"prodotti li joriġinaw" u għall-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU 2001, L 19, p. 29, iktar 'il quddem il-"Protokoll Nru 4 emendat").

8 L-Artikolu 7(1)(j) tal-Protokoll Nru 4 emendat, li jissostitwixxi parzjalment l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4, ma jagħmilx aktar riferiment għat-"tranżazzjonijiet sempliċi" u jsemmi biss, minflok, "it-tneħħija ta' trab, it-tnaqqix jew tgħarbil, l-għażla, il-klassifikazzjoni, it-tqassim skond il-klassi, l-allinjament (inkluż il-ħolqien ta' gruppi ta' merkanzija)". [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, fiż-żmien meta seħħew il-fatti, Euro Tex kienet tmexxi impriża ċċertifikata li kienet tieħu ħsieb li tiġbor, li tittrasporta u li tittratta ħwejjeġ u prodotti oħra tessili.

10 L-oġġetti ddepożitati mill-pubbliku f'kontenituri mpoġġija fit-toroq kienu sottoposti sussegwentement għal proċess ta' tgħarbil u ta' allinjament li jseħħ f'bosta fażijiet. Dawk fosthom meqjusa li għadhom jistgħu jintlibsu kienu suġġetti għal għażla bi stadji skond serje ta' kriterji. L-impjegati ta' Euro Tex responsabbli minn dawn il-proċessi ta' tgħarbil u ta' allinjament kellhom b'mod partikolari bħala għan li bħala prijorità jagħżlu oġġetti partikolarment "tal-moda" skond il-ħtiġijiet tal-klienti.

11 Tul is-snin 1998-1999, Euro Tex ikkunsinnat lin-negozjanti tal-ħwienet fil-Polonja prodotti tessili li kienu ġew mgħarbla u allinjati. Sabiex turi li huma kellhom natura "ta' oriġini" skond ir-regoli tad-dwana preferenzjali stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, Euro Tex inkludiet mal-fatturi kummerċjali dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini ta' l-oġġetti kkunsinnati jew ippreżentat ċertifikati ta' ċirkulazzjoni tal-merkanzija EUR.1.

12 Wara verifika fl-uffiċċji ta' Euro Tex, imwettqa fuq talba ta' l-amministrazzjoni Pollakka, il-Hauptzollamt stabbilixxiet, permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2001, li din l-impriża ma kinitx f'pożizzjoni li tressaq il-prova dwar l-oriġini tal-prodotti. L-awtoritajiet Ġermaniżi minbarra dan irtiraw iċ-ċertifikati taċ-ċirkulazzjoni tal-merkanzija EUR.1 u ddikjaraw li huma kienu ser jinformaw lill-awtoritajiet Pollakki dwar ir-riżultati tal-verifika fuq il-post.

13 Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' lment ta' Euro Tex quddiem il-Hauptzollamt, li madankollu ċaħditu bħala infondat b'deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2002. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Hauptzollamt b'mod partikolari kkonkludiet li ma kinux ġew issodisfatti l-kundizzjonijiet previsti mill-Protokoll Nru 4 sabiex il-prodotti tessili użati, iddestinati li jkomplu jintlibsu, jitqiesu li huma miksuba kompletament mill-Komunità. Minbarra dan, id-deċiżjoni tistabbilixxi li l-proċess ta' tgħarbil u l-allinjament imwettaq f'dan il-każ jammonta biss għal trattament minimu li ma jaffettwax l-oriġini ta' dawn il-prodotti.

14 Euro Tex għaldaqstant ressqet appell quddiem il-Finanzgericht Düsseldorf sabiex din tikkonstata l-illegalità ta' l-opinjoni mogħtija mill-Hauptzollamt lill-awtoritajiet doganali Pollakki, li fiha infomat lil dawn dwar l-ineżattezza tad-dikjarazzjonijiet u taċ-ċertifikati ta' oriġini in kwistjoni.

15 Peress li ddubitat mill-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4, il-Finanzgericht Düsseldorf iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Ix-xogħlijiet ta' allinjament deskritti f'iktar dettall f'dan id-digriet imorru lil hinn mix-xogħlijiet sempliċi ta' allinjament għall-għanijiet ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4?"

16 Id-dubji tal-Finanzgericht Düsseldorf nibtu b'mod partikolari mid-differenzi li kienu jeżistu bejn bosta verżjonijiet lingwistiċi tal-Protokoll Nru 4. Fil-fatt, skond il-qorti tar-rinviju, ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-Protokoll jissuġġerixxu l-eżistenza ta' distinzjoni bejn xogħol sempliċi ta' allinjament u xogħol ta' allinjament kumpless, filwaqt li verżjonijiet oħra jidhru li jindikaw li l-proċessi kollha previsti fl-Artikolu 7 (1)(b) ta' l-imsemmi Protokoll huma fihom infishom "sempliċi".

17 B'hekk, per eżempju, jekk il-verżjoni Ġermaniża ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 tirreferi għal "*einfaches Entstauben, Sieben, Aussondern, Einordnen, Sortieren (einschließlich des Zusammenstellens von Sortimenten)* [...]" u l-verżjoni Franċiża għal "*opérations simples de dépoussiérage, de criblage, de triage, de classement, d'assortiment (y compris la composition de jeux de marchandises)*[...]", il-verżjoni Ingliża ta' din id-dispożizzjoni tkopri min-naħa tagħha "*simple operations consisting of removal of dust, sifting or screening, sorting, classifying, matching (including the making-up of sets of articles)*[...]".

## Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk għandhiex issir, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 4, distinzjoni bejn ix-xogħlijiet sempliċi u dawk aktar kumplessi ta' allinjament. Ta' l-ewwel tkun, skond l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4, xogħol jew ipproċessar li ma jkunx biżżejjed biex jikkonferixxi lill-merkanzija "natura oriġinarja", filwaqt li t-tieni tkun tista' tammonta għal xogħlijiet jew ipproċessar biżżejjed biex tagħti din il-kwalità skond l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll. Fl-ipoteżi li t-tali distinzjoni tista' ssir, il-Finanzgericht Düsseldorf għaldaqstant tixtieq tkun taf jekk xogħlijiet ta' allinjament bħal dawk imwettqa mill-Euro Tex jaqgħux taħt it-tieni kategorija, jiġifieri dawk tax-xogħlijiet aktar kumplessi.

*Osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

19 Euro Tex issostni li x-xogħlijiet ta' allinjament imwettqa fil-kuntest tar-riċiklaġġ tal-prodotti tessili użati huma ta' tip totalment differenti minn dak li jenħtieġ li jiġi mifhum b'"xogħlijiet sempliċi ta' allinjament" fis-sens ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprevedi biss ix-xogħlijiet sempliċi ħafna li ma jeħtieġu ebda għarfien speċifiku u ma jinkludi ebda titjib veru tal-prodotti. Min-naħa l-oħra, l-allinjament tal-prodotti tessili użati jwassal għal titjib kunsiderevoli ta' dawn l-oġġetti. Fil-fatt, dan iseħħ permezz ta' serje sħiħa ta' xogħlijiet ta' differenzjazzjoni li għalihom l-impjegati ta' l-impriżi ta' riċiklaġġ għandu jkollhom kompetenzi speċifiċi (bħal, b'mod partikolari, il-kapaċità li jgħarfu l-kwalitajiet tad-drapp, ix-xejriet tal-moda). Wara kollox, dawn l-impjegati jirċievu taħriġ speċifiku għal dan il-għan fi ħdan l-impriża.

20 B'hekk, peress li x-xogħlijiet ta' allinjament in kwistjoni fil-kawża prinċipali jagħtu l-oriġini tal-prodotti għall-merkanzija trattata, Euro Tex tipproponi li tingħata risposta affermattiva lill-Finanzgericht Düsseldorf.

21 Bil-kontra, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej issostni li l-ebda distinzjoni bejn ix-xogħlijiet sempliċi u xogħlijiet aktar kumplessi ta' allinjament ma jistgħu jseħħu skond il-Protokoll Nru 4. Dan jirriżulta b'mod partikolari minn evalwazzjoni komparattiva tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' l-Artikolu 7(1)(b) ta' dan il-Protokoll, u speċjalment mill-verżjonijiet Ingliżi u Olandiżi.

22 Interpretazzjoni bħal din tad-dispożizzjoni in kwistjoni tkun ukoll konformi mar-regoli ta' l-anness D.1 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' proċeduri doganali (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Kyoto"), li tagħha diversi annessi ġew aċċettati f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/415/KEE, tat-3 ta' Ġunju 1977 (ĠU L 166, p. 1).

*Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

23 Id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tikkonċerna l-kwalifika tax-xogħlijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali bħala xogħlijiet sempliċi jew kumplessi. F'dan ir-rigward, sabiex isostnu l-interpretazzjoni tagħhom ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4, il-partijiet fil-kawża prinċipali rreferew essenzjalment għad-differenzi eżistenti bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' din id-dispożizzjoni.

24 Madankollu, hemm lok li jiġi stabbilit li huwa veru li ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' l-imsemmija dispożizzjoni setgħu jiġu interpretati kemm fis-sens propost mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kif ukoll minn dak issuġġerit mill-Kummissjoni. Huwa l-każ, b'mod partikolari tal-verżjoni Ġermaniża ("*einfaches*"), Franċiża ("*les opérations simples de*"), Spanjola ("*las operaciones simples de*"), Taljana ("*le semplici operazioni di*") u Portugiża ("*simples operações de*").

25 Madankollu jirriżulta minn verżjonijiet lingwistiċi oħra li x-xogħlijiet previsti minn din l-istess dispożizzjoni huma minnhom infushom "sempliċi". Din hija l-indikazzjoni li tista' tiġi dedotta mill-espressjonijiet *"simple operations consisting of"* li jidhru fil-verżjoni Ingliża, *"enkle foranstaltninger som"* fil-verżjoni Daniża, *"eenvoudige verrichtingen zoals"* fil-verżjoni Olandiża, u *"enkel behandling bestående i"* fil-verżjoni Żvediża.

26 Konsegwentement, kif sostniet il-Kummissjoni, l-interpretazzjoni li tqis bħala sempliċi kull xogħol imsemmi fl-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 ma tmur kontra l-ebda verżjoni lingwistika ta' dan il-Protokoll, filwqt li l-interpretazzjoni proposta minn Euro Tex — li tiddistingwi bejn xogħlijiet sempliċi u xogħlijiet kumplessi ta' allinjament — mhijiex konformi mal-verżjonijiet lingwistiċi msemmija fil-punt preċedenti.

27 Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza kostanti, il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' test Komunitarju għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi u, konsegwentement, fil-każ ta' diverġenzi bejn dawn il-verżjonijiet, id-dispożizzjoni in kwistjoni għandha tiġi interpretata abbażi ta' l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma element minnha (ara s-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Codan, C-236/97, Ġabra p. I-8679, punt 28; tat-13 ta' April 2000, W. N., C-420/98, Ġabra p. I-2847, punt 21, u tas-16 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-332/04, Ġabra 2006, p. I-40*, punt 52).

28 Issa, skond ir-raba' u s-sitt kunsiderazzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/97, din tipprevedi li "tiffaċilita aktar l-iskambji u tissimplifika l-ispejjeż amministrattivi" kif ukoll li "tiffaċilita x-xogħol ta' l-utenti u l-amministrazzjonijiet doganali". Kif sostniet il-Kummissjoni, ikun għalhekk ta' dannu għall-għanijiet ta' simplifikazzjoni u ta' ċertezza legali li titlob lill-awtoritajiet nazzjonali li jiddistingwu x-xogħlijiet sempliċi mix-xogħlijiet kumplessi ta' allinjament, ta' tneħħija ta' trab, ta' tnaqqix, fost oħrajn mingħajr ma jiġi indikat ebda kriterju jew parametru fil-Protokoll li fuqhom ikollha titwettaq distinzjoni bħal din.

29 Minbarra dan, hemm lok li jingħad li l-emenda ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 li saret, bid-Deċiżjoni Nru 4/2000, tidher li tikkonferma din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni in kwistjoni, peress li r-riferiment għal "xogħlijiet sempliċi" ġiet eliminata mit-test ta' din id-dispożizzjoni.

30 Konsegwentement, distinzjoni bejn xogħlijiet sempliċi u kumplessi ta' allinjament ma tista' tiġi dedotta la mill-kliem ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4, u lanqas mill-għanijiet ta' dan il-Protokoll.

31 Fl-aħħar nett, jinħtieġ li jingħad li t-test tal-Konvenzjoni ta' Kyoto, imsemmi fl-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet, lanqas ma jirrikonoxxi din id-distinzjoni.

32 Fil-fatt, f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, ir-Regola 3 ta' l-Anness D.1 tal-Konvenzjoni ta' Kyoto tagħmel l-oriġini ta' l-oġġetti jiddependi mill-post fejn issirilhom l-"aħħar trasformazzjoni jew ipproċessar sostanzjali". Ir-regola 6 ta' dan l-Anness, min-naħa tagħha, tgħid li ma' għandhomx jitqiesu li huma pproċessar jew xogħol sostanzjali "Xogħlijiet li ma jikkontribwixxux jew li jikkontribwixxu biss f'miżura żgħira għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali ta' l-oġġetti". F'dan ir-rigward, ir-Regola 6 ssemmi, fost oħrajn, ix-"xogħlijiet biex jittejjeb l-imballaġġ jew il-kwalità għall-bejgħ fis-suq ta' l-oġġetti, jew biex jiġu ppreparati għall-ġarr, bħal qsim ta' tagħbija, tqegħid flimkien ta' pakketti, l-għażla u l-klassifikazzjoni tal-merkanzija, bdil tal-pakketti" u t-"tqassim u taħlit ta' oġġetti ta' oriġini differenti, sakemm il-karatteristiċi tal-prodott li jirriżulta mhumiex essenzjalment differenti mill-karatteristiċi ta' l-oġġetti li ġew imħallta". Għaldaqstant, l-ebda distinzjoni bejn xogħlijiet sempliċi u kumplessi ma hija indikata.

33 Konsegwentement jinħtieġ li tingħata risposta għad-domanda magħmula mill-Finanzgericht Düsseldorf li peress li l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 ma jippermettix li ssir distinzjoni bejn ix-xogħlijiet sempliċi u dawk aktar kumplessi ta' allinjament, xogħlijiet ta' allinjament bħal dawk deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju jaqgħu taħt il-kunċett ta' xogħlijiet sempliċi ta' allinjament skond l-imsemmija dispożizzjoni.

## Fuq l-ispejjeż

34 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn ir-raġunijiet, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Peress li l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, kif emendat permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/97 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, tat-30 ta' Ġunju 1997, ma jippermettix li ssir distinzjoni bejn ix-xogħlijiet sempliċi u dawk iktar kumplessi ta' allinjament, xogħlijiet ta' allinjament bħal dawk deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju jaqgħu taħt il-kunċett ta' xogħlijiet sempliċi ta' allinjament skond l-imsemmija dispożizzjoni.**

Firem